MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 719/2006

**Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tat-Tribunal tas-26 ta' Novembru 2007 l-isem tas-socjeta` attrici gie mibdul minn Maltacom plc ghal GO p.l.c.**

**Vs**

**Jesmond Pulis I.D. 105965 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Lulju 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba` mija tmienja u sebghin Euro u tlettax-il centezmu (€1478.13) ekwivalenti ghal sitt mija u erbgha u tletin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm634.56) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra n-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta` attrici li permezz taghha rriduciet it-talba bl-ammont ta’ sitt mija tmienja u disghin Euro u sitta u sebghin centezmu (€698.76) ekwivalenti ghal tliet mitt Liri Maltin (Lm300), stante pagamenti akkont, biex b’hekk il-bilanc rimanenti jammonta ghal seba` mija disgha u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€779.37) ekwivalenti ghal tliet mija erbgha u tletin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm334.58), flimkien ma’ l-imghaxijiet u l-ispejjez legali.

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta’ Mejju 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba` mija disgha u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€779.37) ekwivalenti ghal tliet mija erbgha u tletin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm334.58), bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------